# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D. – PRESIDENT

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Ottubru, 2018**

**Kawża Numru 3**

**Appell Numru 195/09AL**

Joseph **GAUĊI**

vs

Eleonora **GAUĊI**

**Il-Qorti:**

1. Dan il-provvediment qiegħed jingħata wara talba magħmula mill-appellata Eleonora Gauċi, b'rikors tagħha tal-31 ta' Ottubru, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti ssib li n-notifika li tidher li saritilha f'indirizz fir-Renju Unit bl-atti tar-Rikors tal-Appell imressaq minn żewġha l-appellant ma tiswiex u li għalhekk l-appell tiegħu mar deżert;

2. Rat it-Tweġiba mressqa mill-attur appellant fis-7 ta' Frar, 2018, li biha qal li t-talbiet tal-appellata ma jmisshomx jintlaqgħu billi l-atti juru li tabilħaqq saret notifika tajba f'indirizz li kien indikat lilu bħala d-dar fejn l-appellata – li minnha kien ilu mifrud u li ż-żwieġ tagħhom kien ilu xolt – kienet tgħix ma' bintha. Minbarra dan, jgħid li, ukoll kieku kellu joħroġ li n-notifika ma tiswiex, din il-Qorti tista' dejjem tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 963(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħtih żmien biex jagħlaq malajr il-proċeduri tan-notifika;

3. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati dwar dan l-episodju waqt is-smigħ tas-26 ta' Ġunju, 2018;

4. Rat l-atti kollha rilevanti u kif ukoll id-degriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2018, li bih ħalliet ir-Rikors għal-lum għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

5. Illi fis-17 ta' Novembru, 2015, l-appellant Joseph Gauċi ressaq Rikors tal-Appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-29 ta' Ottubru, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ma laqgħetx it-talbiet tiegħu biex jieqaf iħallas menteniment lill-intimata appellata jew jitnaqqas l-ammont ta' manteniment li għandu jagħtiha u li tikkundannaha troddlu lura l-manteniment li ħallasha żejjed minn mindu għalaq sittin sena;

6. Illi meta ressaq l-imsemmi appell, ir-rikorrent appellant indika indirizz f'Malta (f'Ħal Tarxien) fejn kellha ssir in-notifika tal-appellata bir-Rikors tal-Appell, minkejja li fl-istess att l-appellant jistqarr li "l-konvenuta tgħix fl-Ingilterra";

7. Illi billi l-appellata ma laqgħetx in-notifika fl-indirizz mogħti f'Malta, fl-20 ta' Novembru, 2015, l-appellant talab li n-notifika ssirilha f'indirizz fir-Renju Unit (f'Saint Albans) kif jitlob ir-Regolament Komunitarju relattiv[1]. Din il-Qorti laqgħet it-talba tiegħu b'degriet tas-7 ta' Diċembru, 2015;

8. Illi mill-atti mibgħuta lura f'Malta mill-Aġenzija li Tirċievi atti għan-notifika fir-Renju Unit[2], jidher li fis-26 ta' Jannar, 2016, saret in-

[1] Reg. 7 u 9 tar-Reg. 1393/07(KE)
[2] Ara Dok f'paġġ. 1607 – 8 tal-proċess

notifika tal-atti tar-Rikors tal-Appell fl-indirizz mogħti mill-appellant, u dan billi "*12.2. the document was (12.2.1) served in accordance with the law of the Member State addressed, namely (12.2.2) served by the following particular method .. .. .. The documents were served by posting them through the defendant's letterbox. This method is good service under rule 6.3 (1)(c) of the Civil Procedure Rules of England and Wales. (12.3) The addressee of the document was informed in writing that he may refuse to accept the document if it is not written in or accompanied by a translation into either a language which he understands or the official language or one of the official languages of the place of service*";

9. Illi din il-Qorti qiegħdet l-appell għas-smigħ għall-10 ta' Ottubru, 2017, imma l-appellata ma kenitx notifikata bl-Avviż fl-indirizz ta' Ħal Tarxien li raġa' kien indikat bħala l-post fejn kellha ssirilha n-notifika;

10. Illi fis-smigħ tal-10 ta' Ottubru, 2017[3], din il-Qorti ħalliet is-smigħ tal-appell għas-16 ta' Jannar, 2018, biex issir il-prova ta' jekk saritx notifika tal-appellata bl-avviż tas-smigħ u ordnat komunika tal-istess lill-avukati tagħha;

11. Illi, fir-rikors tagħha, l-appellata tgħid li la hi u lanqas l-avukati tagħha ma qatt laqgħu n-notifika tar-Rikors tal-Appell u li hija kienet tabilħaqq għamlet żmien toqgħod ma' bintha fl-indirizz imsemmi f'Saint Albans sal-2013, meta mbagħad marru joqogħdu f'post ieħor fl-istess belt fl-2014. Tgħid ukoll li hija niżlet toqgħod hawn Malta għal kollox fis-sajf tal-2015;

12. Illi l-appellata tgħid li, minħabba f'dawn iċ-ċirkostanzi, in-notifika li saret fl-indirizz tar-Renju Unit ma tiswiex għaliex saret f'post li hija kienet ilha li ħarġet minnu madwar tliet (3) snin u ma kien qatt indirizz li hija kienet tat biex fih isirulha n-notifiki ta' atti tal-kawża;

13. Illi l-Qorti tagħraf li l-ħarsien tal-formalitajiet preskritti mir-Regolament Komunitarju relattiv huwa maħsub li joffri proċess xieraq, armonizzat u dokumentat dwar in-notifika ta' atti ġudizzjarji lil persuna li tkun tinsab f'xi mkien fl-Unjoni Ewropeja. Tagħraf ukoll li l-ħarsien ta' dawk il-formalitajiet iġib miegħu effetti ta' prova formali ta' dak li jkun sar biex persuna tabilħaqq tilqa' n-notifika ta' att ġudizzjarju indirizzat lilha. F'dan ir-rigward, għalhekk, l-appellant jgħid li r-riferta magħmula mill-Aġenzija li Tirċievi l-atti fir-Renju Unit tagħmel prova tan-notifika li saret lill-appellata;

14. Illi din il-Qorti tgħid li l-argument tal-appellant ikun tajjeb li kieku kien hemm tabilħaqq rabta bejn l-appellata u l-indirizz li fih intalab li ssir

[3] Paġ. 1612A tal-proċess

in-notifika lilha tar-Rikors tal-Appell imressaq minnu. Madankollu, għalkemm fir-Renju Unit tiswa n-notifika lil persuna ta' att ġudizzjarju billi l-att jitħalla fil-kaxxa tal-ittri tal-post fejn dik il-persuna toqgħod u li fih għandha ssir in-notifika[4], jidher li f'dan il-każ dik in-notifika ma saritx sewwa. Dan qiegħed jingħad ukoll għaliex ma jidhirx li n-notifika saret f'idejn persuna u wisq anqas li tħalliet mal-appellata jew xi persuna maħtura minnha. Jekk wieħed iqis dak li tgħid l-appellata fir-rikors tagħha, jidher li kienet ilha xi tliet snin li ħalliet il-post li fih tħallew l-atti tar-Rikors tal-Appell: mhux hekk biss, imma jidher li dak iż-żmien li suppost saritilha n-notifika, kienet diġa' ilha aktar minn sena li niżlet tgħix lura f'Malta. L-appellant kien, fil-fatt, fil-bidu semma indirizz f'Malta fejn talab li ssir in-notifika tal-appellata bir-Rikors tal-Appell tiegħu;

15. Illi l-Qorti ma tistax tisħaq biżżejjed kemm huwa meħtieġ li n-notifika ta' atti tal-Qorti ssir b'mod għaqli u b'għan ġenwin li l-parti li lilha l-att ġudizzjarju jkun indirizzat tassew tilqa' n-notifika tiegħu jew li titqiegħed f'qagħda li tilqa' dik in-notifika, u dan biex b'hekk titwarrab il-possibilita' li l-proċess ġudizzjarju jkun ma jiswiex[5];

16. Illi l-Qorti tista' tifhem li, fil-każ tal-partijiet, billi ż-żwieġ tagħhom kien ilu żmien li ġie xolt, setgħu ma kinux aktar f'kuntatt ma' xulxin u mgħarrfa bl-aħħar spostamenti tagħhom. Madankollu, jidher li l-appellant kien f'kuntatt ma' wliedu jew uħud minnhom u mingħandhom seta' fittex sewwa fejn kienet tinsab l-appellata u jinqeda b'dak it-tagħrif aġġornat biex jipprova jinnotifikaha tajjeb;

17. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li n-notifika lill-appellata bil-mod fuq imsemmi ma tiswiex. Għalhekk, l-ewwel talba tar-rikorrenti appellata jistħoqqilha tintlaqa';

18. Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis it-tieni talba tar-rikorrenti appellata. Biha trid li l-appell imressaq mill-attur appellant jitqies li mar deżert minħabba li ma saritx in-notifika tar-Rikors tal-Appell fiż-żmien li titlob il-liġi;

19. Illi f'dan ir-rigward, il-liġi tagħmilha ċara li ż-żmien maħsub għad-deżerzjoni tal-kawżi huwa wieħed perentorju u għaldaqstant mhux mogħti li dan jittawwal jekk mhux fiċ-ċirkostanzi espressi maħsuba mil-liġi nnifisha[6]. Fil-każ ta' kawżi fi grad ta' appell, iż-żmien huwa ta' sena li jibda jgħaddi minn dakinhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza

[4] CPR Rules § 6.3.1(c )
[5] App. Ċiv. **6.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gialanze' vs Van Vleit*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.447**)
[6] App. Ċiv. Inf. **7.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Joseph Borġ et***

appellata. Sa sena minn dakinhar, il-parti appellanti trid tara li l-parti appellata tkun laqgħet in-notifika tar-rikors[7]. Jidher ċar ukoll li, għall-finijiet tad-deżerzjoni fi stadju ta' appell, kulma huwa rilevanti hija d-data ta' meta jitressaq ir-Rikors tal-Appell u l-jum meta tkun saret in-notifika ta' dak l-att lill-parti jew partijiet l-oħra fil-kawża[8];

20. Illi huwa minnu wkoll li l-provvedimenti tad-deżerzjoni huma maħsuba biex jimponu sanzjoni fuq parti f'kawża li ma tkunx qiegħda tmexxi bil-għaqal il-proċedura mibdija minnha. Dawk is-sanzjonijiet, partikolarment f'kawża fi stadju tal-appell, iħallu effetti radikali fuq l-effetti tas-sentenza li tkun ingħatat fl-ewwel istanza[9];

21. Illi, madankollu, il-liġi tagħti wkoll lil din il-Qorti s-setgħa li, minkejja li jkun għadda l-imsemmi żmien perentorju biex jingħalqu l-proċeduri bil-miktub, tagħti għal darba waħda biss ordnijiet biex l-imsemmija proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr sewwasew biex ikun evitat li kawża tmur deżerta[10]. Il-Qorti hija tal-fehma li, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u minħabba li l-appellant wera li ma ittraskurax id-dmir tiegħu li jipprova jinnotifika lill-appellata u ħallas il-garanzija mitluba lilu biex jista' jissokta s-smigħ tal-appell tiegħu, dan għandha tagħmlu fil-każ tallum;

22. Illi, f'dan ir-rigward, tilqa' s-sottomissjoni li għamlilha l-appellant u ssib li, minkejja li sallum l-appellata għadha mhijiex notifikata bl-att tar-Rikors tal-Appell, għandha tingħatalu opportunita' li jtemm il-proċess tan-notifika qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tgħid li l-appell tiegħu mar deżert;

23. Illi, fid-dawl ta' din iċ-ċirkostanza, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' f'dan l-istadju t-tieni talba magħmula mill-appellata fir-rikors tagħha;

24. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** magħmula mill-appellata fir-rikors tagħha tal-31 ta' Ottubru, 2017, u ssib li n-notifika tar-Rikors tal-Appell tal-attur appellant ma tiswiex u trid terġa' ssir mill-ġdid kif trid il-liġi;

**Tiċħad it-tieni talba** tal-istess appellata f'dan l-istadju, u bi tħaddim tar-regola miġjuba fl-artikolu 963(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tagħti

[7] App. Ċiv. **10.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Rose Marie Stagno Navarra et vs Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp et***
[8] App. Ċiv. Inf. JSP **26.2.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis X Formosa et vs Carmelo Mifsud et***
[9] Art. 963(6) tal-Kap 12
[10] Art. 963(3) tal-Kap 12

lill-attur appellant żmien biex jinnotifika formalment lill-intimata appellata bl-atti tar-Rikors tal-Appell tiegħu; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi, **l-ispejjeż** ta’ dan l-episodju jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| **Joseph Azzopardi** | **Joseph R. Micallef** | **Tonio Mallia** |
| **Prim Imħallef** | **Imħallef** | **Imħallef** |

**Deputat Reġistratur**
**mb**